Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2021/0296(COD)

2.6.2022

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u għar-riżoluzzjoni tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni u li temenda d-Direttivi 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2009/138/KE, (UE) 2017/1132 u r-Regolamenti (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 648/2012
(COM(2021)0582 – C9-0365/2021 – 2021/0296(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Markus Ferber

Simboli għall-proċeduri

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura tiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....5

NOTA SPJEGATTIVA 26

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u għar-riżoluzzjoni tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni u li temenda d-Direttivi 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2009/138/KE, (UE) 2017/1132 u r-Regolamenti (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 648/2012 (COM(2021)0582 – C9-0365/2021 – 2021/0296(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM (2021)0582),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0439/2021),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali dwar l-użu tal-atti delegati,

– wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-23 ta' Frar 2022[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0000/2022),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

[1] ĠU C , , p. .

Emenda 1

Proposta għal direttiva
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) L-iżgurar ta' riżoluzzjoni effettiva ta' istituzzjonijiet tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li qed ifallu fl-Unjoni huwa element essenzjali għall-ikkompletar tas-suq intern. Il-falliment ta' impriżi bħal dawn għandu impatt mhux biss fuq id-detenturi ta' poloz u possibbilment fuq l-ekonomija reali u fuq l-istabbiltà finanzjarja tas-swieq li fihom joperaw direttament dawk l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, iżda wkoll fuq il-fiduċja fis-suq intern għall-assigurazzjoni. It-tlestija tas-suq intern fis-servizzi finanzjarji saħħet in-nisġa bejn is-sistemi finanzjarji nazzjonali differenti. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni huma attivi fis-swieq finanzjarji sabiex jimmaniġġjaw il-portafoll ta' investiment tagħhom u r-riskji relatati mal-attivitajiet tagħhom. ***Dawn huma relatati ma' xulxin permezz tal-operazzjonijiet derivattivi tagħhom mas-swieq interbankarji u ma' swieq finanzjarji oħrajn li huma, essenzjalment, pan-Ewropej.*** F'dak il-kuntest, l-inabilità tal-Istati Membri li jindirizzaw il-falliment ta' impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni u jsolvuha b'mod li jkun prevedibbli u armonizzat u li effettivament jipprevjeni dannu sistemiku usa', tista' ddgħajjef l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji u, konsegwentement, tas-suq intern fil-qasam tas-servizzi finanzjarji.	(4) L-iżgurar ta' riżoluzzjoni effettiva ta' istituzzjonijiet tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li qed ifallu fl-Unjoni huwa element essenzjali għall-ikkompletar tas-suq intern. Il-falliment ta' impriżi bħal dawn għandu impatt mhux biss fuq id-detenturi ta' poloz u possibbilment fuq l-ekonomija reali u fuq l-istabbiltà finanzjarja tas-swieq li fihom joperaw direttament dawk l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, iżda wkoll fuq il-fiduċja fis-suq intern għall-assigurazzjoni. It-tlestija tas-suq intern fis-servizzi finanzjarji saħħet in-nisġa bejn is-sistemi finanzjarji nazzjonali differenti. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni huma attivi fis-swieq finanzjarji sabiex jimmaniġġjaw il-portafoll ta' investiment tagħhom u r-riskji relatati mal-attivitajiet tagħhom. F'dak il-kuntest, l-inabilità tal-Istati Membri li jindirizzaw il-falliment ta' impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni u jsolvuha b'mod li jkun prevedibbli u armonizzat u li effettivament jipprevjeni dannu sistemiku usa', tista' ddgħajjef l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji u, konsegwentement, tas-suq intern fil-qasam tas-servizzi finanzjarji.

Or. en

Emenda 2

Proposta għal direttiva
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Huwa neċessarju li jiġu żgurati l-adegwatezza u l-effettività tal-qafas ta' rkupru u ta' riżoluzzjoni filwaqt li jiġu evitati piżijiet u kostijiet amministrattivi mhux neċessarji fuq l-impriżi u fuq l-awtoritajiet. Għalhekk, jenħtieġ li l-implimentazzjoni ta' tali qafas ta' rkupru u ta' riżoluzzjoni tkun proporzjonata għan-natura, għall-iskala u għall-kumplessità tal-impriża kkonċernata, u tal-attivitajiet u tas-servizzi tagħha. Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' ppjanar ta' rkupru u ta' riżoluzzjoni, jenħtieġ li l-awtoritajiet jiddeterminaw, fuq il-bażi ta' sett armonizzat ta' kriterji bbażati fuq ir-riskju, liema impriżi huma soġġetti għar-rekwiżiti ta' ppjanar. ***Sabiex titrawwem il-fiduċja fis-suq uniku tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni u sabiex jitrawmu kundizzjonijiet ekwi, jenħtieġ li jinkiseb grad minimu ta' tħejjija billi jiġi stabbilit livell minimu ta' kopertura tas-suq. Madankollu, jenħtieġ li dak il-livell minimu ta' kopertura tas-suq iqis id-differenzi bejn*** l-irkupru ***minn naħa*** u r-riżoluzzjoni ***min-naħa l-oħra, u l-eżistenza jew in-nuqqas ta' interess pubbliku sabiex tittieħed azzjoni ta' riżoluzzjoni***.	(13) Huwa neċessarju li jiġu żgurati l-adegwatezza u l-effettività tal-qafas ta' rkupru u ta' riżoluzzjoni filwaqt li jiġu evitati piżijiet u kostijiet amministrattivi mhux neċessarji fuq l-impriżi u fuq l-awtoritajiet. Għalhekk, jenħtieġ li l-implimentazzjoni ta' tali qafas ta' rkupru u ta' riżoluzzjoni tkun proporzjonata għan-natura, għall-iskala u għall-kumplessità tal-impriża kkonċernata, u tal-attivitajiet u tas-servizzi tagħha. Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' ppjanar ta' rkupru u ta' riżoluzzjoni, jenħtieġ li l-awtoritajiet jiddeterminaw, fuq il-bażi ta' sett armonizzat ta' kriterji bbażati fuq ir-riskju, liema impriżi huma soġġetti għar-rekwiżiti ta' ppjanar. ***Impriżi bi profil ta' riskju baxx kif definiti fid-Direttiva 2009/138/KE għandhom ikunu awtomatikament eżentati mir-rekwiżiti tal-ippjanar*** tal-irkupru u r-riżoluzzjoni.

Or. en

Emenda 3

Proposta għal direttiva
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Għal proċess ta' riżoluzzjoni ordnat, u sabiex jiġu evitati kunflitti ta' interess, jenħtieġ li l-Istati Membri ***jaħtru*** awtoritajiet ***jew awtoritajiet amministrattivi pubbliċi fdati b'setgħat amministrattivi pubbliċi sabiex iwettqu l-***	(15) Għal proċess ta' riżoluzzjoni ordnat, u sabiex jiġu evitati kunflitti ta' interess, jenħtieġ li l-Istati Membri ***għandhom jiddelegaw is-setgħat tar-riżoluzzjoni msemmija f'din id-Direttiva lill-*** awtoritajiet ***superviżorji tal-assigurazzjoni***

funzjonijiet u l-kompiti fir-rigward tal-qafas ta' rkupru u ta' riżoluzzjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li jiġu allokati riżorsi adegwati lil dawk l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni. Meta Stat Membru jaħtar awtorità ta' riżoluzzjoni li jkollha funzjonijiet oħrajn, jenħtieġ li jiġu stabbiliti arranġamenti strutturali adegwati sabiex dawk il-funzjonijiet jiġu sseparati mill-funzjonijiet relatati mar-riżoluzzjoni u sabiex tiġi żgurata l-indipendenza operazzjonali. Jenħtieġ li separazzjoni bħal din ma tipprevjenix lill-funzjoni ta' riżoluzzjoni ***milli jkollha aċċess għal kwalunkwe informazzjoni li tkun teħtieġ għall-eżerċizzju tad-dmirijiet tagħha skont il-qafas ta' rkupru u ta' riżoluzzjoni, jew għall-kooperazzjoni bejn*** awtoritajiet ***differenti involuti fl-applikazzjoni tal-qafas ta' rkupru u ta' riżoluzzjoni***.	***rilevanti.***

Or. en

Emenda 4

Proposta għal direttiva
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) L-ippjanar tar-riżoluzzjoni huwa komponent essenzjali ta' riżoluzzjoni effettiva. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet ***ta' riżoluzzjoni*** jkollhom l-informazzjoni neċessarja kollha sabiex jidentifikaw funzjonijiet kritiċi u jiżguraw il-kontinwazzjoni tagħhom.. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom għarfien privileġġat dwar il-funzjonament tagħhom stess u dwar kwalunkwe problema li tirriżulta minnu, u, għalhekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet ***ta' riżoluzzjoni*** jfasslu pjanijiet ta' riżoluzzjoni fuq il-bażi, fost l-oħrajn, tal-informazzjoni pprovduta mill-impriżi kkonċernati. ***Sabiex jiġu evitati piżijiet amministrattivi mhux***	(20) L-ippjanar tar-riżoluzzjoni huwa komponent essenzjali ta' riżoluzzjoni effettiva. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet ***superviżorji*** jkollhom l-informazzjoni neċessarja kollha sabiex jidentifikaw funzjonijiet kritiċi u jiżguraw il-kontinwazzjoni tagħhom. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom għarfien privileġġat dwar il-funzjonament tagħhom stess u dwar kwalunkwe problema li tirriżulta minnu, u, għalhekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet ***superviżorji*** jfasslu pjanijiet ta' riżoluzzjoni fuq il-bażi, fost l-oħrajn, tal-informazzjoni pprovduta mill-impriżi kkonċernati..

neċessarji, jenħtieġ li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni primarjament jirkupraw l-informazzjoni neċessarja mingħand l-awtoritajiet superviżorji.

(Din l-emenda tapplika għat-test kollu. L-adozzjoni tagħha teħtieġ bidliet korrispondenti fit-test kollu.)

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ħolqien ta' korpi amministrattivi addizzjonali jenħtieġ li jiġi evitat, b'mod partikolari peress li fil-prattika dawn l-awtoritajiet huma spiss identiċi. Id-duplikazzjoni tal-kompetenzi twassal għal kunflitti u konfużjoni.

Emenda 5

Proposta għal direttiva
Titolu I – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
IS-SUĠĠETT ***U*** L-KAMP TA' APPLIKAZZJONI**,** ID-DEFINIZZJONIJIET ***U D-DEŻINJAZZJONI TAL-AWTORITAJIET TA' RIŻOLUZZJONI***	IS-SUĠĠETT**,** Il-KAMP TA' APPLIKAZZJONI***U*** D-DEFINIZZJONIJIET

Or. en

Emenda 6

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri jistgħu jipprevedu eżenzjonijiet mid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għal impriżi li joffru kuntratti skont it-tifsira tat-Titolu II, Kapitolu II, Taqsima 5, tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-

	eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II), sakemm ikun żgurat li l-objettivi ta' din id-Direttiva jkunu għadhom issodisfati b'mod adegwat u, b'mod partikolari, li l-kontinwità tar-relazzjonijiet tal-assigurazzjoni tkun garantita fil-każ ta' falliment ta' impriża skont it-tifsira tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Għal dan il-għan, l-Istati Membri jistgħu, inter alia, jeħtieġu l-istabbiliment, iż-żamma jew il-modifika ta' skema nazzjonali ta' protezzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tippermetti trattament xieraq tal-iskemi tal-assigurazzjoni tas-saħħa li jintużaw bħala alternattiva għas-sigurtà soċjali. L-emenda għandha tinqara flimkien mal-Artikolu 33a l-ġdid.

Emenda 7

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) "awtorità ta' riżoluzzjoni" tfisser awtorità ddeżinjata minn Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 3;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ħolqien ta' korpi amministrattivi addizzjonali jenħtieġ li jiġi evitat, b'mod partikolari peress li fil-prattika dawn l-awtoritajiet huma spiss identiċi. Id-duplikazzjoni tal-kompetenzi twassal għal kunflitti u konfużjoni

Emenda 8

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) "awtorità ***ta' riżoluzzjoni*** ta' grupp" tfisser l-awtorità ***ta' riżoluzzjoni*** fl-Istat Membru fejn ikun jinsab is-superviżur ta' grupp;	(27) "awtorità ***superviżorja*** ta' grupp" tfisser l-awtorità ***superviżorja*** fl-Istat Membru fejn ikun jinsab is-superviżur ta' grupp; *(Din l-emenda tapplika għat-test kollu. L-adozzjoni tagħha teħtieġ bidliet korrispondenti fit-test kollu.)*

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ħolqien ta' korpi amministrattivi addizzjonali jenħtieġ li jiġi evitat, b'mod partikolari peress li fil-prattika dawn l-awtoritajiet huma spiss identiċi. Id-duplikazzjoni tal-kompetenzi twassal għal kunflitti u konfużjoni.

Emenda 9

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 80

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(80) "impriża bi profil ta' riskju baxx" tfisser impriża bi profil ta' riskju baxx kif iddefinita fil-punt (10a) tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/138/KE;	(80) "impriża bi profil ta' riskju baxx" tfisser impriża bi profil ta' riskju baxx kif iddefinita fil-punt (10a) tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/138/KE; *(Din l-emenda tapplika għat-test kollu. L-adozzjoni tagħha teħtieġ bidliet korrispondenti fit-test kollu.)*

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-bidla għandha l-għan li tallinja l-ortografija eżatta taż-żewġ proposti leġiżlattivi li ġew ippreżentati bħala pakkett.

Emenda 10

Proposta għal direttiva
Artikolu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ħolqien ta' korpi amministrattivi addizzjonali jenħtieġ li jiġi evitat, b'mod partikolari peress li fil-prattika dawn l-awtoritajiet huma spiss identiċi. Id-duplikazzjoni tal-kompetenzi twassal għal kunflitti u konfużjoni.

Emenda 11

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-kontenut u d-dettalji tal-pjanijiet ta' rkupru u ta' riżoluzzjoni previsti fl-Artikoli ***5 sa 7***;	(a) il-kontenut u d-dettalji tal-pjanijiet ta' rkupru ***previsti fl-Artikoli 5 sa 8*** u l-pjanijiet ta' riżoluzzjoni previsti fl-Artikoli ***9 sa 12***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Peress li l-Artikolu jirreferi kemm għall-pjanijiet ta' rkupru kif ukoll għal dawk ta' riżoluzzjoni, l-Artikoli fit-Taqsima 3 li jkopru l-ippjanar tar-riżoluzzjoni jenħtieġ li jissemmew ukoll.

Emenda 12

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-kontenut u l-livell ta' dettall tal-informazzjoni meħtieġa mill-impriżi skont l-Artikolu ***5(6)***, l-Artikolu 10(2) u l-Artikolu 12(1);	(c) il-kontenut u l-livell ta' dettall tal-informazzjoni meħtieġa mill-impriżi skont l-Artikolu ***5(7)***, l-Artikolu 10(2) u l-Artikolu 12(1);

Or. en

Ġustifikazzjoni

Aġġustament editorjali. Ir-referenza fil-proposta tal-Kummissjoni mhijiex korretta.

Emenda 13

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-obbligi simplifikati għandhom jiġu applikati awtomatikament għall-impriżi bi profil ta' riskju baxx.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fl-ispirtu tal-proporzjonalità, l-impriżi b'riskju baxx jenħtieġ li jibbenefikaw awtomatikament mis-sett ta' obbligi simplifikati.

Emenda 14

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li ma humiex parti minn grupp soġġett għall-ippjanar ta' rkupru preventiv skont l-Artikolu 7 u li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 2 jew 3, ifasslu u jżommu aġġornat pjan ta' rkupru preventiv. Tali pjan ta' rkupru preventiv għandu jkun fih miżuri li għandhom jittieħdu mill-impriża kkonċernata sabiex terġa' tistabbilixxi l-pożizzjoni finanzjarja tagħha fejn dik il-pożizzjoni tkun iddeterjorat b'mod sinifikanti.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li ma humiex parti minn grupp soġġett għall-ippjanar ta' rkupru preventiv skont l-Artikolu 7 u li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 2 jew 3, ifasslu u jżommu aġġornat pjan ta' rkupru preventiv. Tali pjan ta' rkupru preventiv għandu jkun fih miżuri li għandhom jittieħdu mill-impriża kkonċernata sabiex terġa' tistabbilixxi l-pożizzjoni finanzjarja tagħha fejn dik il-pożizzjoni tkun iddeterjorat b'mod sinifikanti. ***Deterjorament sinifikanti fil-pożizzjoni finanzjarja jitqies li seħħ jekk***

il-fondi eliġibbli jonqsu milli jkopru r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza kif stabbilit fit-Titolu I, Kapitolu VI, Taqsima 4, tad-Direttiva 2009/138/KE [Solvibbiltà II].

Or. en

Emenda 15

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet superviżorji għandhom jiżguraw li tal-anqas 80 % tas-suq tal-ħajja u mhux tal-ħajja u tar-riassigurazzjoni tal-Istat Membru, rispettivament, fejn is-sehem mis-suq mhux tal-ħajja huwa bbażat fuq primjums miktubin grossi u s-sehem mis-suq tal-ħajja huwa bbażat fuq provvedimenti tekniċi grossi, għandu jkun soġġett għal rekwiżiti ta' ppjanar ta' rkupru preventiv skont dan l-Artikolu	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kriterju arbitrarju ta' kopertura tas-suq ta' 80 % ma jikkorrispondix mal-idea ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju.

Emenda 16

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-kalkolu tal-livell ta' kopertura tas-suq imsemmi fis-subparagrafu 2, l-impriżi sussidjarji tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni ta' grupp jistgħu jitqiesu meta dawk l-impriżi sussidjarji tal-	***imħassar***

assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jkunu parti minn grupp li għalih il-kumpanija omm apikali tkun qed tfassal u żżomm pjan ta' rkupru preventiv ta' grupp imsemmi fl-Artikolu 7.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kriterju arbitrarju ta' kopertura tas-suq ta' 80 % ma jikkorrispondix mal-idea ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju.

Emenda 17

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Madankollu, l-impriżi ta' profil ta' riskju baxx, ma għandhomx ikunu soġġetti għal rekwiżiti ta' ppjanar ta' rkupru preventiv ***fuq bażi individwali***.	L-impriżi ta' profil ta' riskju baxx ma għandhomx ikunu soġġetti għal rekwiżiti ta' ppjanar ta' rkupru preventivi.

Or. en

Emenda 18

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-awtoritajiet superviżorji għandhom jiżguraw li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jaġġornaw il-pjanijiet ta' rkupru preventiv tagħhom tal-anqas ***darba fis-sena jew*** wara bidla fl-istruttura legali jew organizzazzjonali tal-impriża kkonċernata, fin-negozju jew fis-sitwazzjoni finanzjarja tagħha, li jista' jkollha effett materjali fuq il-pjan ta' rkupru preventiv jew teħtieġ bidla materjali fih.	5. L-awtoritajiet superviżorji għandhom jiżguraw li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jaġġornaw il-pjanijiet ta' rkupru preventiv tagħhom tal-anqas ***kull sentejn u*** wara bidla fl-istruttura legali jew organizzazzjonali tal-impriża kkonċernata, fin-negozju jew fis-sitwazzjoni finanzjarja tagħha, li jista' jkollha effett materjali fuq il-pjan ta' rkupru preventiv jew teħtieġ bidla materjali fih.

Or. en

Emenda 19

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 7 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) qafas ta' indikaturi msemmija fil-paragrafu ***8***;	(c) qafas ta' indikaturi msemmija fil-paragrafu ***9***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Korrezzjoni editorjali: ir-referenza fil-proposta tal-Kummissjoni mhijiex korretta.

Emenda 20

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni kif imsemmijin fil-paragrafu 1 jivvalutaw il-kredibbiltà u l-fattibbiltà tal-pjanijiet ta' rkupru preventiv, b'mod partikolari l-qafas ta' indikaturi msemmi fil-paragrafu ***8*** u l-azzjonijiet ta' rimedju, kontra firxa ta' xenarji ta' stress makroekonomiku u finanzjarju serju rilevanti għall-kundizzjonijiet speċifiċi tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, inklużi avvenimenti mifruxin mas-sistema kollha, avvenimenti ta' stress idjosinkratiku li x'aktarx jaffettwaw materjalment il-profil tal-assi u tal-obbligazzjonijiet tagħhom, u taħlitiet ta' tali avvenimenti ta' stress.	8. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni kif imsemmijin fil-paragrafu 1 jivvalutaw il-kredibbiltà u l-fattibbiltà tal-pjanijiet ta' rkupru preventiv, b'mod partikolari l-qafas ta' indikaturi msemmi fil-paragrafu ***9*** u l-azzjonijiet ta' rimedju, kontra firxa ta' xenarji ta' stress makroekonomiku u finanzjarju serju rilevanti għall-kundizzjonijiet speċifiċi tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, inklużi avvenimenti mifruxin mas-sistema kollha, avvenimenti ta' stress idjosinkratiku li x'aktarx jaffettwaw materjalment il-profil tal-assi u tal-obbligazzjonijiet tagħhom, u taħlitiet ta' tali avvenimenti ta' stress.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Korrezzjoni editorjali: ir-referenza fil-proposta tal-Kummissjoni mhijiex korretta.

Emenda 21

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
11. Sa [PO – iżżid 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ], l-EIOPA għandha toħroġ linji gwida f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 sabiex tispeċifika aktar il-lista minima ta' indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi msemmijin fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 7 u, f'kooperazzjoni mal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS), il-firxa ta' xenarji msemmijin fil-paragrafu 8.	***imħassar***

Or. en

Emenda 22

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 12 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
12. L-EIOPA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw aktar, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4, l-informazzjoni li impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni kif imsemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi fil-pjan ta' rkupru preventiv, inklużi l-azzjonijiet ta' rimedju msemmijin fil-punt (e) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 7 u l-implimentazzjoni tagħhom.	12. L-EIOPA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw aktar, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4, l-informazzjoni li impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni kif imsemmija fil-paragrafu 1 ***ta' dan l-Artikolu*** għandha tinkludi fil-pjan ta' rkupru preventiv, inklużi l-azzjonijiet ta' rimedju msemmijin fil-punt (e) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 7, ***ta' dan l-Artikolu*** u l-implimentazzjoni tagħhom. ***L-EIOPA għandha tiżviluppa wkoll abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika aktar il-lista minima ta'***

	indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi msemmija fipunt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 7, ta' dan l-Artikolu u, f'kooperazzjoni mal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS), il-firxa ta' xenarji msemmija fil-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-lista ta' indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi għandha tiġi stabbilita permezz ta' RTS, mhux permezz ta' linji gwida.

Emenda 23

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jiżguraw li tal-anqas 70 % tas-suq tal-ħajja u mhux tal-ħajja u tar-riassigurazzjoni tal-Istat Membru, rispettivament, fejn is-sehem mis-suq mhux tal-ħajja huwa bbażat fuq primjums miktubin grossi u s-sehem mis-suq tal-ħajja huwa bbażat fuq provvedimenti tekniċi grossi, għandu jkun soġġett għal ippjanar ta' riżoluzzjoni. Fil-kalkolu tal-livell ta' kopertura tas-suq, is-sussidjarji ta' grupp jistgħu jitqiesu meta dawk is-sussidjarji jkunu koperti fil-pjan ta' riżoluzzjoni tal-grupp imsemmi fl-Artikolu 10.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kriterji ta' kopertura arbitrarja tas-suq ma jikkorrispondux mal-kunċett ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju.

Emenda 24

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-impriżi bi profil ta' riskju baxx ma għandhomx ikunu soġġetti għal rekwiżiti ta' ppjanar ta' riżoluzzjoni ***fuq bażi individwali***.	L-impriżi bi profil ta' riskju baxx ma għandhomx ikunu soġġetti għal rekwiżiti ta' ppjanar ta' riżoluzzjoni.

Or. en

Emenda 25

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-pjanijiet ta' riżoluzzjoni ma għandhom jassumu l-ebda appoġġ finanzjarju pubbliku straordinarju ***minbarra, fejn disponibbli***, l-użu ***ta' skemi ta' garanzija tal-assigurazzjoni jew*** ta' kwalunkwe arranġament ta' finanzjament.	Il-pjanijiet ta' riżoluzzjoni ma għandhom jassumu l-ebda appoġġ finanzjarju pubbliku straordinarju ***jew*** l-użu ta' kwalunkwe arranġament ta' finanzjament.

Or. en

Emenda 26

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 8 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. L-EIOPA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw aktar, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4, il-kontenut tal-pjan ta' riżoluzzjoni.	8. L-EIOPA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw aktar, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4, il-kontenut tal-pjan ta' riżoluzzjoni ***u l-kriterji għall-identifikazzjoni ta' funzjonijiet kritiċi.***

Or. en

Emenda 27

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Sa [PO – żid 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ], l-EIOPA għandha toħroġ linji gwida f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 sabiex tispeċifika aktar kriterji għall-identifikazzjoni ta' funzjonijiet kritiċi.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-identifikazzjoni ta' "funzjonijiet kritiċi" jenħtieġ li ssir permezz ta' RTS, mhux permezz ta' linji gwida.

Emenda 28

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 19(1), iżda mhux il-kundizzjoni stabbilita fil-punt (c) tal-Artikolu 19(1), ***u li jissodisfaw ir-Rekwiżit Kapitali Minimu stabbilit fit-Titolu I, il-Kapitolu VI, it-Taqsima 5, tad-Direttiva 2009/138/KE,*** jiġu stralċati b'mod ordnat f'konformità ma' proċedimenti normali ta' insolvenza li jiżguraw ħruġ ordnat mis-suq.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 19(1), iżda mhux il-kundizzjoni stabbilita fil-punt (c) tal-Artikolu 19(1), jiġu stralċati b'mod ordnat f'konformità ma' proċedimenti normali ta' insolvenza li jiżguraw ħruġ ordnat mis-suq..

Or. en

Emenda 29

Proposta għal direttiva
Artikolu 27 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ***tar-riżoluzzjoni*** jkollhom is-setgħa li jirtiraw l-awtorizzazzjoni tal-impriża taħt riżoluzzjoni sabiex jiktbu kuntratti tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni ġodda u jqiegħdu lill-impriża taħt riżoluzzjoni fi proċedura ta' run-off solventi sabiex jintemmu l-attivitajiet ta' dik l-impriża.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ***superviżorji*** jkollhom is-setgħa li jirtiraw l-awtorizzazzjoni tal-impriża taħt riżoluzzjoni sabiex jiktbu kuntratti tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni ġodda u jqiegħdu lill-impriża taħt riżoluzzjoni fi proċedura ta' run-off solventi sabiex jintemmu l-attivitajiet ta' dik l-impriża.

Or. en

Emenda 30

Proposta għal direttiva
Artikolu 33a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 33a
	Trasferiment għal Skemi ta' Protezzjoni Nazzjonali Eżistenti
	Minflok ma japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 32 u 33 ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri jistgħu, filwaqt li jiżguraw l-interessi tad-detenturi ta' poloz, jipprevedu trasferiment ta' portafolli għal skema nazzjonali xierqa ta' protezzjoni, filwaqt li jiżguraw il-kontinwità tar-relazzjonijiet tal-assigurazzjoni, għall-impriżi li joffru kuntratti skont it-tifsira tat-Titolu II, Kapitolu II, Taqsima 5, tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni (Solvibbiltà II). L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu l-

	istabbiliment, iż-żamma jew il-modifika ta' skema nazzjonali xierqa ta' protezzjoni għal dak il-għan.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tippermetti trattament xieraq tal-iskemi tal-assigurazzjoni tas-saħħa li jintużaw bħala alternattiva għas-sigurtà soċjali u l-iskemi ta' protezzjoni eżistenti tagħhom.

Emenda 31

Proposta għal direttiva
Artikolu 34 – paragrafu 1 – punt b – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) għall-konverżjoni f'ekwità jew għat-tnaqqis tal-ammont ta' kapital ta' pretensjonijiet, ***li jinkludu*** pretensjonijiet tal-assigurazzjoni jew strumenti ta' dejn li jiġu ttrasferiti:	(b) għall-konverżjoni f'ekwità jew għat-tnaqqis tal-ammont ta' kapital ta' pretensjonijiet, ***eskludi*** pretensjonijiet tal-assigurazzjoni ***u tar-riassigurazzjoni***, jew strumenti ta' dejn li jiġu ttrasferiti:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-detenturi ta' polza jenħtieġ li jkunu protetti kontra deċiżjonijiet superviżorji li jimponu valwazzjoni negattiva.

Emenda 32

Proposta għal direttiva
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) is-setgħa ta' ristrutturar ta' pretensjonijiet tal-assigurazzjoni jew ta' tnaqqis, inkluż it-tnaqqis għal żero, tal-ammont ta' kapital ta' jew tal-ammont pendenti dovut fir-rigward ta' strumenti ta' dejn u ta' obbligazzjonijiet eliġibbli, ***inkludi*** pretensjonijiet tal-assigurazzjoni,	(f) is-setgħa li jiġu ristrutturati ***pretensjonijiet***, ***eskludi*** l-pretensjonijiet tal-assigurazzjoni ***u tar-riassigurazzjoni***, jew ta' tnaqqis, inkluż it-tnaqqis għal żero, tal-ammont ta' kapital ta' jew tal-ammont pendenti dovut fir-rigward ta' strumenti ta' dejn u ta' obbligazzjonijiet eliġibbli, ***eskludi*** pretensjonijiet tal-assigurazzjoni ***u***

ta' impriża taħt riżoluzzjoni;	***tar-riassigurazzjoni***, ta' impriża taħt riżoluzzjoni;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda konsistenti mal-emenda proposta tar-rapporteur għall-Artikolu 34(1)(b) biex jiġu eskluż pretensjonijiet tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni mill-għodda ta' valwazzjoni negattiva jew konverżjoni.

Emenda 33

Proposta għal direttiva
Artikolu 41 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) jittrasferixxu kwalunkwe dritt ta' riassigurazzjoni li jkopri l-pretensjonijiet tal-assigurazzjoni ttrasferiti mingħajr il-kunsens tal-impriża tar-riassigurazzjoni fejn l-awtorità ta' riżoluzzjoni tittrasferixxi l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-impriża taħt riżoluzzjoni sħiħa jew parzjalment lil entità oħra.	(g) jittrasferixxu kwalunkwe dritt ta' riassigurazzjoni li jkopri l-pretensjonijiet tal-assigurazzjoni ttrasferiti mingħajr il-kunsens tal-impriża tar-riassigurazzjoni fejn l-awtorità ta' riżoluzzjoni tittrasferixxi l-assi u l-obbligazzjonijiet ***relatati ma' dawk id-drittijiet tar-riassigurazzjoni*** tal-impriża taħt riżoluzzjoni sħiħa jew parzjalment lil entità oħra.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kjarifika li dan jikkonċerna assi u obbligazzjonijiet relatati mal-kuntratt tar-riassigurazzjoni, mhux biss kwalunkwe assi u obbligazzjonijiet.

Emenda 34

Proposta għal direttiva
Titolu VII – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
EMENDI GĦAD-DIRETTIVI 2002/47/KE, 2004/25/KE, ***2009/138/KE***, (UE) 2017/1132 U GĦAR-REGOLAMENTI (UE) Nru 1094/2010 U	EMENDI GĦAD-DIRETTIVI 2002/47/KE, 2004/25/KE, ***2007/36/KE***, (UE) 2017/1132 U GĦAR-REGOLAMENTI (UE) Nru 1094/2010 U

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Azzjonisti hija nieqsa, Solvibbiltà II jenħtieġ li ma tinbidilx.

Emenda 35

Proposta għal direttiva
Artikolu 83
Direttiva 2009/138/UE
Artikolu 141

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-Solvibbiltà II jenħtieġ li ma tinbidilx permezz ta' din id-direttiva.

Emenda 36

Proposta għal direttiva
Artikolu 91a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 91a
	Skemi ta' Garanzija tal-Assigurazzjoni
	Sal-1 ta' Jannar 2024, il-Kummissjoni, wara li tkun ikkonsultat mal-EIOPA, għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jiddeskrivi l-passi meħtieġa biex jiġu introdotti standards komuni minimi għall-iskemi ta' garanzija tal-assigurazzjoni fi ħdan l-Unjoni Ewropea. Dak ir-rapport għandu mill-inqas:
	- jivvaluta s-sitwazzjoni attwali tal-iskemi

ta' garanzija tal-assigurazzjoni fl-Istati Membri (il-livell ta' kopertura, it-tipi ta' assigurazzjonijiet koperti, l-iskattaturi);

- jiddiskuti l-għażliet tal-poloz;

- jiddeskrivi l-passi meħtieġa biex tiġi introdotta linja bażi minima għall-iskemi ta' garanzija tal-assigurazzjoni madwar l-Unjoni;

- janalizza l-bidliet korrispondenti meħtieġa għal atti leġiżlattivi oħra.

Fejn ikun xieraq, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-reġim tal-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Assigurazzjoni mhuwiex kredibbli mingħajr livell minimu ta' armonizzazzjoni tal-iskemi ta' garanzija tal-assigurazzjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

Informazzjoni ġenerali

Il-Kummissjoni Ewropea ressqet il-proposta għal qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni fl-isfond tal-kriżi finanzjarja globali tal-2008, li kixfet il-vulnerabbiltajiet tas-settur finanzjarju u l-interkonnettività tiegħu. Bħala waħda mir-reazzjonijiet għal din il-kriżi finanzjarja, id-Direttiva 2014/59/UE li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment ġiet adottata għas-settur bankarju u daħlet fis-seħħ mill-2015 bħala parti mill-Unjoni Bankarja.

Wara l-"*Attributi Ewlenin tar-Reġimi ta' Riżoluzzjoni effettivi għall-Istituzzjonijiet Finanzjarji*"[1] tal-2014 u l-*prinċipji Ewlenin tal-Assigurazzjoni*[2] żviluppati mill-IAIS, il-Kummissjoni issa qed tipproponi qafas ta' regoli għall-irkupru u r-riżoluzzjoni wkoll għas-settur tal-assigurazzjoni. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li filwaqt li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni joperaw b'mod transfruntier, hemm nuqqas ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi kompetenti f'xenarji ta' diffikultà. Fl-istess ħin, m'hemm l-ebda regoli Ewropej armonizzati għar-riżoluzzjoni tal-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-rijassigurazzjoni.

Abbozz ta' rapport

Filwaqt li r-rapporteur jaqbel mal-valutazzjoni li r-regoli għandhom ikunu disponibbli għall-ġestjoni tal-falliment tal-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni transfruntiera, huwa tal-fehma li l-qafas propost iqajjem għadd ta' mistoqsijiet li għadhom ma ġewx imwieġba. L-ewwel u qabel kollox, hemm mistoqsijiet dwar kif l-għodod utli għall-irkupru u r-riżoluzzjoni jistgħu jkunu fin-nuqqas ta' regoli armonizzati għall-iskemi ta' garanzija tal-assigurazzjoni. Barra minn hekk, hemm mistoqsijiet dwar jekk ir-regoli ssuġġeriti humiex verament adatti għas-settur tal-assigurazzjoni, li huwa materjalment differenti mis-settur bankarju fejn jidher li joriġinaw ħafna mid-dispożizzjonijiet tal-IRRD. Ir-rapporteur huwa lest li jidħol f'diskussjoni mal-Membri tal-Parlament, il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri biex tinstab soluzzjoni xierqa bbażata fuq il-karatteristiċi tas-suq tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni. Tali soluzzjoni għandha tqis l-ispeċifiċitajiet tan-negozju tal-assigurazzjoni kif ukoll ir-riskju rispettiv li jirriżulta minn impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni.

L-awtorità ta' riżoluzzjoni

Il-proposta tirrikjedi li l-Istati Membri jaħtru awtoritajiet ta' riżoluzzjoni speċifiċi biex ikollhom rwol importanti fl-ippjanar tal-irkupru u l-proċedura sħiħa ta' riżoluzzjoni. Ir-rapporteur għandu dubju dwar jekk l-introduzzjoni ta' awtorità amministrattiva dedikata oħra esklussivament għall-irkupru u r-riżoluzzjoni flimkien mal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali eżistenti tkunx tabilħaqq ta' għajnuna. Bil-ħsieb ta' proċess simplifikat f'sitwazzjoni ta' diffikultà finanzjarja, jidher li hemm vantaġġi li wieħed joqgħod fuq awtoritajiet stabbiliti, li, permezz tal-esperjenza superviżorja tagħhom, huma familjari mal-kundizzjonijiet ekonomiċi tas-suq tal-assigurazzjoni u l-impriża rispettiva. Iż-żamma ta' awtorità kompetenti ċentrali

[1] L-Attributi Ewlenin tal-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja tar-Reġimi ta' Riżoluzzjoni Effettivi għall-Istituzzjonijiet Finanzjarji, 2014, https://www.fsb.org/wp-content/uploads/r_141015.pdf

[2] L-Assoċjazzjoni Internazzjonali tas-Superviżuri tal-Assigurazzjoni, il-Prinċipji Ewlenin tal-Assigurazzjoni u l-Qafas Komuni għas-Superviżjoni tal-Gruppi Internazzjonali tal-Assigurazzjoni Attiva, 2019, https://www.iaisweb.org/uploads/2022/01/191114-IAIS-ICPs-and-ComFrame-adopted-in-November-2019.pdf

waħda tevita kunflitti ta' kompetenza u b'hekk tiżgura proċess effiċjenti. Barra minn hekk, l-awtoritajiet superviżorji jkunu fl-aħjar pożizzjoni biex jiżguraw applikazzjoni mingħajr xkiel kemm tal-istrumenti tal-irkupru u tar-riżoluzzjoni kif ukoll tas-sett ta' għodod ipprovdut mis-Solvibbiltà II[3].

Kopertura tas-suq
Il-kamp ta' applikazzjoni ssuġġerit ta' mill-inqas 80 % tas-suq tal-ħajja u mhux tal-ħajja u tar-riassigurazzjoni tal-Istat Membru jkun soġġett għal ippjanar ta' rkupru preventiv (l-Artikolu 5(2)) u mill-inqas 70 % tas-suq tal-ħajja u mhux tal-ħajja u tar-riassigurazzjoni tal-Istat Membru jkun soġġett għall-ippjanar tar-riżoluzzjoni (l-Artikolu 9(2)) iqajjem tħassib. Iż-żewġ limiti jidhru arbitrarji, għoljin ħafna u jinkludu konsiderevolment aktar impriżi milli sempliċiment l-impriżi l-kbar tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni b'negozju transfruntiera li jistgħu fil-fatt joħolqu riskju għas-settur finanzjarju kollu. Ir-rapporteur huwa tal-fehma li l-ippjanar tar-riżoluzzjoni għandu l-ewwel u qabel kollox ikun ibbażat fuq ir-riskju u jissuġġerixxi li ma tintużax sistema ta' limitu.

Skont l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju, l-impriżi b'riskju baxx għandhom jingħataw approċċ aktar ġeneruż. Abbażi tal-proċedura ta' dežinjazzjoni f'Solvibbiltà II, dawn għandhom jiġu awtomatikament eżentati mill-ippjanar preventiv tal-irkupru u r-riżoluzzjoni. Il-valutazzjoni każ b'każ proposta mill-Kummissjoni Ewropea ma tirriflettix ir-riskju potenzjali li dawn l-impriżi jistgħu joħolqu.

Setgħat superviżorji
Ir-rapporteur huwa tal-fehma li, peress li l-proposta preżenti tressqet f'pakkett flimkien mal-proposta għar-reviżjoni tad-Direttiva dwar is-Solvibbiltà II, l-affarijiet komuni inerenti taż-żewġ settijiet ta' regoli għas-settur tal-assigurazzjoni għandhom jitqiesu kif xieraq. Għalhekk huwa sorprendenti li l-proposta tal-IRRD tidher li tiddevja f'ċerti aspetti mill-prinċipji stabbiliti tas-superviżjoni tal-assigurazzjoni. F'sitwazzjoni ta' taqlib u diffikultà finanzjarja, m'hemm l-ebda raġuni ovvja għaliex il-kriterji stabbiliti, bħar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza (RKS) u r-Rekwiżit Kapitali Minimu (RKM) kif definiti f'Solvibbiltà II ma għandhomx jiġu invokati bħala skattaturi ewlenin għall-azzjoni ta' rkupru u riżoluzzjoni. Iż-żewġ limiti huma kalibrati b'mod konservattiv u jħallu biżżejjed lok għal intervent jekk ikun meħtieġ. Ir-rapporteur jargumenta li tiġi stabbilita sistema koerenti bbażata fuq prinċipji prattiċi tajba.

Pretensjonijiet ta' assigurazzjoni
L-għodda tal-valwazzjoni negattiva u l-konverżjoni bħala waħda mill-għodod ta' riżoluzzjoni proposti tipprevedi l-possibbiltà ta' konverżjoni f'ekwità, tikkanċella, tnaqqas jew tirristruttura l-ammont ta' pretensjonijiet tal-assigurazzjoni (l-Artikoli 34, 40, 41). L-awtorità amministrattiva kompetenti biex tapplika l-għodod tar-riżoluzzjoni b'hekk tingħata s-setgħa li timmodifika d-detenturi tal-poloz tad-drittijiet u l-impriżi tal-assigurazzjoni miftiehma fil-kuntratt tal-assigurazzjoni. Skont ir-regoli normali tal-insolvenza, tali kompetenza dwar id-drittijiet kuntrattwali hija tal-qrati kompetenti iżda mhux tal-amministrazzjoni jew tas-superviżur. Ir-rapporteur għalhekk jissuġġerixxi li jinżamm dan il-prinċipju u jiġu eskluži l-pretensjonijiet tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni mill-għodda tal-valwazzjoni negattiva u l-konverżjoni.

[3] Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II).

Skemi ta' garanzija tal-assigurazzjoni (IGS)
Minħabba t-tħassib li jqajjem il-qafas propost għall-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, jista' jkun utli li jiġu kkunsidrati approċċi alternattivi jew komplementari. Xi Stati Membri għandhom skemi ta' garanzija tal-assigurazzjoni disponibbli biex jipproteġu lid-detenturi ta' poloz mit-telf. Il-proposta tirreferi għall-iskemi eżistenti, madankollu, fi ftit każijiet u fir-rigward biss tal-kapaċità tagħhom li jipprovdu fondi biex ikopru t-telf tad-detenturi ta' poloz. Ir-rapporteur huwa tal-fehma li din l-istruttura nazzjonali eżistenti għandha tintuża bħala punt tat-tluq u jissuġġerixxi li jiġi kkunsidrat l-iżvilupp ta' standards minimi ta' armonizzazzjoni minflok ma tiġi stabbilita sistema kompletament ġdida. F'dan ir-rigward, jista' jiġi diskuss li l-Kummissjoni Ewropea u l-EIOPA jingħataw mandat, abbażi tal-ħidma preċedenti tagħha[4] u t-talba reċenti tagħha[5] għal skema ta' garanzija tal-assigurazzjoni madwar l-Ewropa kollha biex jiġu żviluppati dawn il-prinċipji.

Fil-qosor: Ir-rapporteur jilqa' t-tentattiv biex tissaħħaħ il-protezzjoni tad-detentur tal-polza u jittieħdu passi ta' prekawzjoni għal sitwazzjonijiet ta' kriżi. Madankollu, għadd ta' aspetti fil-proposta preżenti jidhru li ttieħdu mis-settur bankarju mingħajr kunsiderazzjoni xierqa għall-ispeċifiċitajiet tas-swieq tal-assigurazzjoni, jistabbilixxu piż amministrattiv addizzjonali u ma jibnux biżżejjed fuq strutturi diġà pprattikati b'suċċess. Soluzzjoni xierqa għandha tkun iffukata fuq is-suq tal-assigurazzjoni u mfassla skont l-ispeċifiċitajiet u l-kumplessità tan-negozju tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni.

[4] Dokument ta' diskussjoni dwar il-finanzjament tar-riżoluzzjoni u l-iskemi nazzjonali ta' garanzija tal-assigurazzjoni, EIOPA-CP-18–003, 30 ta' Lulju 2018, https://www.eiopa.europa.eu/document-library/discussion-paper/resolution-funding-and-national-insurance-guarantee-schemes_mt.
[5] Intervista lill-president tal-EIOPA ta' Marzu 2022, https://www.eiopa.europa.eu/media/speeches-presentations/interview/eiopa-calling-europe-wide-insurance-guarantee-scheme.